# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 23 ta' Novembru 2001**

**Appell Nru 104/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Camilleri u**
**Manweli sive Manwel Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Cammileri u Manweli sive Emanuel (Manwel) Farrugia talli fis-19 ta' Jannar 1996, meta kienu ser ihallu Malta ghall-Londra fuq titjira KM100 (**1**) minghajr il-permess tal-Ministru responsabli mill-Finanzi, esportaw barra minn Malta xi biljetti tal-flus jew muniti li huma jew li kienu f'xi zmien valuta legali f'Malta, bi ksur tal-Artikolu 11(1) tal-Kap. 233; (**2**) ukoll talli minghajr il-permess tal-Ministru responsabli mill-Finanzi, esportaw barra minn Malta xi deheb jew flus barranin, bi ksur tal-artiklu 11(2) tal-Kap.233; (**3**) f'isem il-kontrollur tad-Dwana, lil Emanuel Camilleri wahdu, talli wara tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu mill-ufficjali tal-Pulizija u tad-Dwana instab li kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu 365 lira Sterlina, 1264 lira Maltin fi flus, liema ammonti jeccedu dak stipulat bil-ligi, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 60(f)(g) u 62(l) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37 u l-Att ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Kambju; (**4**) f'isem il-Kontrollur tad-Dwana, lil Emanuel Farrugia wahdu, talli fis-19 ta' Jannar 1996 meta kien ser ihalli Malta ghall-Londra fuq it-titjira KM100, wara tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu mill-ufficjali tal-Pulizija u tad-Dwana, instab li kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu 3000 lira Sterlina, 172 lira Maltin fi flus, liema ammonti jeccedu dak stipulat bil-ligi, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 60(f)(g) u 62(l) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u l-Att ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Kambju;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Emanuel Camilleri u Manweli sive Manwel Farrugia hatja "fuq livell ta' tentattiv" skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, u kkundannat lil **Emanuel Camilleri multa ta' tlett elef lira (Lm3000)** u lil **Emanuel (Manweli/Manwel) Farrugia multa ta' tlett elef u hames mitt lira**

**(Lm3,500)**; inoltre l-ewwel qorti ordnat il-konfiska tal-flus ezibiti in atti bhala Dok. PB1 u Dok. PB2;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Camilleri u Farrugia, minnhom ippresentat fil-25 ta' Mejju, 2001, li permezz tieghu talbu r-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' l-24 ta' Settembru, 2001; ikkunsidrat:

Il-fatti brevement huma li, fil-gurnata indikata fl-imputazzjoni, iz-zewg appellanti kienu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta bil-hsieb li jsiefru ghall-Ingilterra. Fuqhom kellhom il-flus indikati fl-imputazzjoni. Huma kienu diga ghamlu c-"check in" tal-valiggi u imlew il-karta tat-tluq ("embarcation card") (ara z-zewg karti ezibiti a fol. 30 bhala Dok. NH3), u kienu qeghdin fil-*queue* biex jaghddu mill-"passport control" meta waqqfuhom il-pulizija u sabulhom fuqhom il-flus imsemmija. Mill-photokopja tal-passaporti rispettivi taghhom ma jirrisulta li kellhom ebda awtorizzazzjoni ghall-finijiet ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju f'dawn il-passaporti biex johorgu l-flus li kellhom fuqhom (ara fol. 65 u 76).

L-ewwel aggravju ta' l-appellanti hu migjub f'dawn it-termini:

"[illi] huma instabu hatja hazin ta' akkuzi li ma kienux akkuzati bihom cioe` tentattiv a tenur tal-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali fl-Artikoli 11(1)(2), 39, 41 u 42 tal-Kapitolu 233 u fl-Artikoli 60(f)(g) u 62(1) tal-Kapitolu 37 u li il-qorti ma ghandha l-ebda poter legali li zzid hi akkuzi la ma jkunx indikahom l-Avukat Generali meta jibghat l-artikoli li bihom ghandhom jirrispondu l-appellanti quddiema".

Dana l-aggravju hu infondat u jirrazenta l-fieragh. Huwa veru li fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju (fol. 101) l-Avukat Generali ma indikax espressament l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali izda biss l-artikoli l-ohra li jsemmu l-appellanti. Pero` huwa wkoll principju elementari li meta persuna tkun akkuzata b'reat bhala awtur ta' dak ir-reat, qorti ta' gustizzja kriminali tista` ssib lil dik il-persuna hatja mhux bhala awtur izda bhala komplici f'dak ir-reat, jew inkella flok hatja tar-reat ikkunsmat hatja biss ta' tentattiv ta' dak ir-reat. Ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-Artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti li japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha. Ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn li l-Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, jindika l-artikolu tat-tentattiv. Fi kwalunkwe kaz, kemm l-Artikolu 39 tal-Kap. 233 kif ukoll l-Artikolu 62(l) tal-Kap. 37 jikkontemplaw it-tentattiv. L-Artikolu 39 jipprovdi li "Kull persuna li tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew skond dan l-Att u kull persuna li tiftiehem jew <u>tipprova</u>[1], jew li tghin, thajjar, taghti parir jew tqabbad lil xi persuna ohra, biex tikser xi restrizzjoni jew htiega kif imsemmija qabel tkun hatja ta' reat kontra dan l-Att" (sottolinear tal-Qorti). L-Artikolu 62(l) tal-Kap. 37, imbghad, jipprovdi li jkun hati ta' reat kontra l-Ordinanza tad-Dwana kull min "…jesporta, jew

[1] "attempts" fit-test Ingliz.

jittenta jesporta[2], jew xjentement ihajjar jew jghin l-esportazzjoni ta' oggetti li l-esportazzjoni taghhom…ecc." (sottolinear ukoll ta' din il-Qorti). Ma kien hemm, ghalhekk, xejn irregolari fil-fatt li l-ewwel qorti sabet lill-appellanti hatja flok tar-reati (taht iz-zewg ligijiet in kwistjoni) ikkunsmati ta' esportazzjoni, tar-reati fil-forma ta' tentattiv skond l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Jekk b'dana l-aggravju l-appellanti riedu jghidu mhux li l-ewwel qorti ma setghetx issibhom hatja ta' tentattiv ghax ma kienx hemm l-artikolu relattiv fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, izda li bhala fatt ma kienx hemm l-elementi tat-tentattiv – bhalma donnu ried ifisser l-abbili difensur taghhom fit-trattazzjoni tieghu quddem din il-Qorti – anke f'dan is-sens l-aggravju ser jigi respint. Hu evidenti mill-provi li f'dan il-kaz kien hemm l-elementi kollha tat-tentattiv – il-hsieb li jigi kommess id-delitt, il-manifestazzjoni ta' dan il-hsieb b'atti esterni, il-bidu ta' l-ezekuzzjoni, u n-non-konsumazzjoni minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-persuni koncernati.

It-tieni aggravju ta' l-appellanti jghid hekk:

"[illi] ma saritx ukoll il-prova li l-appellanti ma kellhomx il-permess tal-Ministru responsabbli mill-Finanzi liema prova hija tassattiva kif rikjesta fl-artikolu tal-ligi".

Dana l-aggravju wkoll ser jigi respint. F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ghamlet il-prova *prima facie* li ma kienx hemm il-permess mehtieg billi ezibiet il-passaporti, jew ahjar, fotokopja tal-passaporti ta' l-appellanti. Mill-pagni 30 u 31 ta' dawn il-passaporti (fol. 65 u 76) jirrisulta li, ghal dawk li huma normalment l-ammonti li jitnizzlu mill-Banek jew mill-Bureaux tal-Kambju awtorizzati f'dawn il-pagni, ma kien hemm ebda ammont ta' flus awtorizzat li jinhareg in konnessjoni mal-vjagg li l-appellanti kienu ser jaghmlu fid-19 ta' Jannar, 1996 qabel ma twaqqfu mill-pulizija. Jekk kien hemm xi permess tal-Ministru tal-Finanzi li, bi zvista jew ghal xi raguni ohra, ma tnizzilx fil-passaport, kien jispetta lill-appellanti li jaghmlu l-prova tieghu. Huma xehedu quddiem l-ewwel qorti – fol. 109 sa 112 u 113 sa 115 – u f'ebda hin ma ghamlu l-icken accenn ghal tali permess. Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti hi tal-fehma li ghall-finijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 233, huwa bizzejjed li l-prosekuzzjoni tipprova li kien hemm l-importazzjoni jew esportazzjoni (jew it-tentattiv ta' importazzjoni jew ta' esportazzjoni) tal-oggetti msemmija f'dawk id-disposizzjonijiet, u huwa l-akkuzat li, jekk kien hemm il-permess relattiv, ghandu jgib dak il-permess bhala difiza. In fatti dawn iz-zewg subartikoli jistabilixxu r-regola li "…ebda persuna ma ghandha…ecc", u li ghalhekk il-permess tal-Ministru huwa l-eccezzjoni. Meta tali permess ma jkunx f'forma ta' eccezzjoni, dan ikun permess "ta xorta generali" skond l-Artikolu 12 tal-Kap. 233, permess li f'dan il-kaz jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern[3]. Kif jinghad f'***Archbold – Criminal Pleading, Evidence and Practice (2001)***, Sweet & Maxwell (London), 2001,

[2] "attempts to export" fit-test Ingliz.

[3] Ara l-Avviz Legali 9 ta' l-1973.

"In *R. v. Edwards* [1975] Q.B. 27, 59 Cr. App. R. 213, the Court of Appeal held that there was an exception to the fundamental rule that the prosecution must prove every element of the offence charged. The exception was "limited to offences arising under enactments which prohibit the doing of an act save in specified circumstances or by persons of specified classes or with specified qualifications or with the licence or permission of specified authorities" (at pp. 39-40, 221). The court rejected the view that merely the evidential burden, and not the legal burden, shifts to the accused." (para. 4-388, pagna 462).

Dwar dan l-istess kaz jinghad hekk fi ***Blackstone's Criminal Practice 2001***, Blackstone Press Ltd., (London), 2001,

"In *Edwards* [1975] Q.B. 27, the accused was convicted on indictment of selling intoxicating liquor without a licence, contrary to the Licensing Act 1964, s. 160(1)(a). He appealed on the ground that the prosecution had failed to adduce any evidence to show that he was not the holder of a licence. It was submitted that at common law the burden of proving an exception, exemption and the like is borne by the accused only if the facts constituting such exception or exemption are peculiarly within the accused's own knowledge which, in the instant case, they were not, because the police had access to the public register of local licences. The Court of Appeal, dismissing the appeal, held that it was for the accused to prove that he was the holder of a licence. Referring to the common law exception to the fundamental rule that the prosecution must prove every element of the offence charged, Lawton LJ said, at p. 40: *It is limited to offences arising under enactments which prohibit the doing of an act save in specified circumstances or by persons of specified classes or with specified qualifications or with the licence or permission of specified authorities. Whenever the prosecution seeks to rely on this exception, the court must construe the enactment under which the charge is laid. If the true construction is that the enactment prohibits the doing of acts, subject to provisos, exemptions and the like, then the prosecution can rely upon the exception. In our judgment its application does not depend upon either the fact, or the presumption, that the defendant has peculiar knowledge enabling him to prove the positive of any negative averment*". (para. F3.5, pagni 1992-1993).

F'kaz aktar recenti, ***R. v. Hunt*** [1987] A.C. 352, il-*House of Lords* irriteniet, *inter alia*, li,

"In construing an enactment in order to ascertain where the burden of proof lies, the court is not restricted to the form or wording of the statutory provision but is entitled to have regard to matters of policy. The court must look at the substance and effect of the enactment and practical considerations affecting the burden of proof, particularly the ease or difficulty that the respective parties would encounter in discharging the burden…However, Parliament can never lightly be taken to have intended to impose an onerous duty on an accused to prove his innocence in a criminal case, and a court should be very slow to draw any such inference from the language of a statute…" (*ibid.* pagna 1993).

Finalment il-Qorti tirrileva li fil-ligi taghna il-fatt li ligi timponi fuq persuna akkuzata il-piz tal-prova ta' fatti partikolari ma jmurx kontra d-dritt fondamentali tal-presunzjoni ta' l-innocenza (ara il-partita numru 1 tat-Tieni Skeda tal-Kap. 319 u l-proviso tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni). Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

It-tielet aggravju ta' l-appellanti hu fis-sens illi galadarba ma hemmx lok ta' htija skond l-artikoli taht il-Kap. 233 ma jistghux japplikaw id-dsposizzjonijiet tal-Kap. 37. Evidentement hawnhekk l-appellanti qed jirreferu, indirettament, ghall-Artikolu 16 tal-Kap. 233 li jaghmel il-ligijiet dwar id-dwana applikabbli, *mutatis mutandis*, ghal kull haga li hi projbita li tigi importata jew esportata b'xi jew skond xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-istess Kap. 233. Galadarba din il-Qorti rrespingiet l-ewwel u t-tieni aggravju, u, kif ser jinghad, ser tirrespingi wkoll ir-raba' aggravju, dan it-tielet aggravju hu necessarjament bla bazi legali.

Ir-raba' aggravju hu fis-sens li l-appellanti f' "ebda hin ma…kellhom l-intenzjoni li jesportaw barra minn Malta xi flus barranin bi ksur tal-Kap. 233". Frankament din il-Qorti, kemm fid-dawl tal-provi kollha, kif ukoll u specjalment fid-dawl tad-deposizzjonijiet tal-istess appellanti moghtija quddiem il-Qorti Inferjuri, issibha ferm difficili tifhem dana l-aggravju. Hu evidenti mid-deposizzjonijiet ta' l-appellanti li huma kellhom il-hsieb li johorgu minn Malta bil-flus Inglizi u Maltin li kellhom fuqhom, u dan biex mill-Ingilterra jixtru xi *spare parts* ghall-generatur tal-barriera ta' Camilleri; Farrugia kien qieghed ukoll jikkonsidra jixtri gaffa (ara l-istqarrija tieghu maghmula lill-pulizija, fol. 28). L-ewwel qorti kjarament ma tat ebda piz, fis-sens li ma emmnitx – kif kellha kull dritt li taghmel – l-affermazzjoni tal-appellant Camilleri, maghmula meta kien qed jixhed, li huma kellhom il-hsieb li jistaqsu jekk setghux jiehdu l-flus barra maghhom lill-ufficjal li kien qed jittimbra l-passaporti. Huwa appena necessarju jinghad li huwa rrelevanti l-fatt jekk l-appellanti kienux jafu jew le dwar il-projbizzjoni tal-ligi ghal tali esportazzjoni, peress li l-injoranza tal-ligi ma hix skuza. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

L-ahhar aggravju ta' l-appellanti jghid hekk:

"[illi] wkoll minghajr pregudizzju ghal dan kollu l-ewwel qorti wkoll ma applikatx il-ligi dwar il-Kambju 233 *(sic!)* kif sussegwentement giet emendata minn Jannar 1996 sad-data tas-sentenza".

Hawnhekk ukoll din il-Qorti ssibha difficli tifhem ezatt x'iridu jghidu l-appellanti. L-Artikoli 11, 39, 41 u 42 b'ebda mod ma gew emendati wara Jannar ta' l-1996 – infatti dawna d-disposizzjonijiet qatt ma gew emendati minn meta l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju gie promulgat fl-1972. Anqas ma hu relevanti t-tibdil li sar fl-Avviz Legali 9 ta' l-1973 (L-Ordni dwar il-Kontroll fuq il-Kambju) wara d-19 ta' Jannar, 1996. Pero` ghal dik li hi l-ligi kif kienet fid-19 ta' Jannar, 1996 jidher li l-appellanti ghandhom, in parti, ragun. L-appellanti instabu fuqhom, u kienu ser johorgu minn Malta, Camilleri **Sterlina 365 u flus Maltin 1264**, u Farrugia **Sterlina 3000 u flus Maltin 172**. Issa, skond l-imsemmi Avviz Legali kif gie emendat sad-19 ta' Jannar, 1996, id-disposizzjoni tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 11 tal-Kap. 233 ma kienitx tapplika ghall-esportazzjoni minn Malta ta' flus Matin li ma jkunux izjed minn hamsa w ghoxrin lira (Lm25) (ara r-regolament 4(1)(a) tal-imsemmi Ordni). Kwantu ghall-flus barranin, ir-regolament 4(2)(i)[4] kien jipprovdi li kienu ezentati mid-disposizzjonijiet

[4] Illum ir-regolament 5(2)(i).

tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 11 tal-Kap. 233 "l-esportazzjoni minn Malta, minn xi persuna, ta' xi flus barranin li…fil-kaz ta' persuna residenti, hi kienet legittimament zammet jew akkwistat". Skond ir-regolament 3(c), moqri flimkien ma' l-Artikolu 5(1) ta' l-Att in kwistjoni, persuna residenti seta' jkollu fil-pussess jew taht il-kontroll taghha (u ghalhekk tkun legittimament qed izomm) flus barranin li "ma jkunux aktar minn Lm1,000 b'kollox". Ma hemmx dubbju li kemm Camilleri kif ukoll Farrugia kienu persuni residenti ghall-fini tal-Artikolu 2(1) tal-Kap. 233. Ghalhekk huma kisru l-ligi meta gew biex jippruvaw johorgu barra minn Malta aktar minn dak li kienet tippermetti l-ligi. Konsegwentement ghandu jkun hemm varjazzjoni fil-piena, inkluza l-konfiska ordnata mill-ewwel qorti, kif ser jigi spejegat fid-*decide*.

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

(1) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Emanuel Camilleri multa ta' tlett elef lira (Lm3,000) u lil Manweli sive Manwel Farrugia multa ta' tlett elef u hames mitt lira (Lm3,500) u minflok tikkundanna lil Camilleri multa ta' elfejn erba' mija u tmienja w sebghin lira (Lm2,478), pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f'sitt xhur prigunerija, u tikkundanna lil Farrugia multa ta' elfejn sitt mija u erba' w disghin lira (Lm2,694) pagabbli wkoll minnufih jew altrimenti konvertibbli f'sitt xhur prigunerija;

(2) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat il-konfiska tal-flus kollha ezibiti in atti (Dokti. PB1 u PB2) u minflok tordna l-konfiska biss tas-segwenti: fir-rigward ta' Camilleri il-konfiska biss ta' elf mitejn u disa' w tletin lira (Lm1,239), cioe` mill-flus Maltin, u fir-rigward ta' Farrugia il-konfiska biss ta' elfejn u hames mitt lira sterlina (£2,500) u ta' mija u seba' w erbghin lira (Lm147) mill-flus Maltin; il-bqija ghandhom jigu ritornati lill-appellanti; u

(3) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.